Verżjoni Elettronika

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,039, 18 ta' April, 2023*
*Taqsima C*

# Nru 52

18. 04. 2023

# MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Aaron Farrugia, M.P., Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-17 ta' April 2023.

**ATT sabiex jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kap. 65.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Aaron Farrugia, M.P., Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects, and read the First time at the Sitting of the 17th April 2023.

**AN ACT to amend the Traffic Regulation Ordinance, Cap. 65.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

Verżjoni Elettronika



**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT sabiex jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku Kap. 65.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2023 li jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 65.

**2.** L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

(a) minnufih wara t-tifsira "bhima" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

"il-kliem "kickscooter elettriku" jew "e-kickscooter" ifissru apparat li toqgħod bil-wieqfa fuqu li għandu manubriju, gverta u roti żgħar iebsin li jitħaddem b'mutur elettriku u li jippermetti wkoll il-propulsjoni umana;";

(b) minnufih wara t-tifsira "motor bus" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

"il-kliem "motor cycle" ifissru kwalunkwe vettura b'żewġ roti b'sidecar jew mingħajrha, mgħammra b'magna ċilindrata ta' aktar minn 50ċm$^3$ jekk tat-tip bil-kombustjoni interna u, jew li jkollha veloċità massima ddisinjata ta' aktar minn 45km fis-siegħa, u tinkludi motor tricycle;";

(ċ) fit-tifsira "vettura" tiegħu minnufih wara l-kelma "omnibus" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "motor cycle, moped, e-kick scooter,".

Verżjoni Elettronika



(d) fit-tifsira "vettura bil-mutur" minnufih wara l-kliem "mmexxija b' forza mekkanika" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "u tinkludi motor cycle, e-kickscooter u, jew moped;";

(e) minnufih wara t-tifsira "vettura bil-mutur" tiegħu għandhom jiġu miżjuda dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

L.S. 65.33.
L.S. 499.68.

"il-kliem "vettura bil-mutur għall-kiri" ifissru vettura bil-mutur li hija reġistrata u liċenzjata sabiex tinkera mingħand operatur ta' servizzi ta' kiri ta' vetturi, u bil-għan li tinstaq minn tali kerrej skont ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b' Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi;

il-kliem "vettura bil-mutur M1" ifissru vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-passiġġieri u li ma fihiex aktar minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier;

il-kliem "vettura bil-mutur M2" ifissru vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-passiġġieri, li fiha aktar minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier, u li għandha piż massimu ta' mhux aktar minn 5 tunnellati;

il-kliem "vettura bil-mutur M3" ifissru vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-passiġġieri, li fiha aktar minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier, u li għandha piż massimu ta' aktar minn 5 tunnellati;

il-kliem "vettura bil-mutur N1" ifissru vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li għandha piż massimu ta' mhux aktar minn 3.5 tunnellati;

il-kliem "vettura bil-mutur N2" ifissru vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li għandha piż massimu ta' aktar minn 3.5 tunnellati iżda mhux aktar minn 12-il tunnellati;

il-kliem "vettura bil-mutur N3" ifissru vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li għandha piż massimu ta' aktar minn 12-il tunnellati;".

Emenda tal-artkolu 15J tal-Att prinċipali.

**3.** Fl-artikolu 15J tal-Att prinċipali, il-kliem "mitt euro (€100)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mitejn euro (€200)".

Sostitutzzjoni tat-Tieni Skeda tal-Att prinċipali.

**4.** It-Tieni Skeda tal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

| **"L-Ewwel Kolonna** | **It-Tieni Kolonna** |
|---|---|
| **Reat** | **Ammenda €** |

Verżjoni Elettronika



| | |
|---|---|
| Ksur ta' sinjal li juri li m'hemmx dħul | 75 |
| Sewqan bi speed eċċessiv: | 34.94 |
| sa 15-il kilometru fis-siegħa fuq il-limitu | |
| aktar minn 15-il kilometru fis-siegħa fuq il-limitu | 100 |
| Sewqan ta' vetturi bil-mutur li jġorru xbieki jew vireg tal-ħadid li ma jkunux hekk marbutin li ma ssirx ħsara lill-wiċċ it-triq | 200 |
| Duħħan eċċessiv minn pajpijiet tal-exhaust | 46.59 |
| Nuqqas li tiġġedded liċenza tas-sewqan | 34.94 |
| Nuqqas li tiġġedded liċenza tal-vettura | 69.88 |
| Liċenza mhux imwaħħla mal-windscreen | 23.29 |
| Dwal mhux skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi | 23.29 |
| Silencer mhux effettiv | 69.88 |
| Nuqqas ta' użu ta' tavlar ta' wara, tagħbija żejda jew twaqqigħ fit-triq ta' materjal li jkun qed jinġarr................................ | mhux inqas minn 250<br>iżda mhux aktar minn 500 |
| Ostakolu (inkluż ta' slipways, xtut u mollijiet) | 104.82 |
| It-tfixkil tal-fluss ħieles tat-traffiku fi kwalunkwe triq inkluż kull tip ta' ostakoli, bħal l-ostruzzjoni ta' karozza tal-linja, l-ostruzzjoni ta' karreġġjata ta' prijorità, id-dħul sikur u, jew l-ħruġ għal waqfiet tal-karozzi tal-linja (il-ħolqien ta' triq mhux awtorizzata jew għeluq tal-karreġġjata, eċċ) | 104.82 |
| Tagħbija ta' passiġġieri żejda li teċċedi dak stipulat fiċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni (għal kull passiġġier żejjed) | 50 |
| Ipparkjar jew stennija jew waqfien f'postijiet ipprojbiti | 23.29 |
| Ipparkjar quddiem garage ta' persuna oħra li ma tkunx dik li tagħmel ir-reat | 104.82 |

Verżjoni Elettronika



| | |
|---|---|
| Użu ta' ħorn jew mezz ta' twissija pprojbit | 11.65 |
| Użu ta' vettura għal għan li ma jkollhiex liċenzja għalih, inkluż l-użu ta' vetturi privati għall-kiri jew kwalunkwe użu ieħor. | 200 |
| Sewqan f'karreġġata għal vetturi ta' preċedenza | 50 |
| Iżżomm u, jew tagħmel użu ta' apparat ta' telefon ċellulari jew xi apparat ieħor simili li jinżamm fl-idejn, waqt li l-vettura tkun wieqfa fit-traffiku u, jew issuq kwalunkwe vettura bil-mutur fil-kategoriji M1, N1uinklużukoll kwalunkwe motor cycle u, jew kwalunkwe e-kickscooter | 200 |
| Tilbes jew tagħmel użu minn apparat handsfree li jintlibes ġewwa jew fuq il-widna jew apparat simili fil-widna li hi l-eqreb lejn it-tieqa waqt li l-vettura tkun wieqfa fit-traffiku u, jew issuq vettura bil-mutur fil-kategoriji M1 jew N1 | 200 |
| Tilbes jew tagħmel użu minn apparat handsfree li jintlibes ġewwa jew fuq il-widna jew apparat simili fiż-żewġ widnejn waqt li l-vettura tkun wieqfa fit-traffiku u, jew issuq kwalunkwe motor cycle u, jew e-kickscooter | 200 |
| Iżżomm u, jew tagħmel użu minn apparat ta' telefon ċellulari jew xi apparat ieħor simili li jinżamm fl-idejn, waqt li l-vettura tkun wieqfa fit-traffiku u, jew issuq vettura bil-mutur għall-kiri tal-kategorija M1, M2 jew M3 u, jew issuq vettura bil-mutur fil-kategorija N2 jew N3 jew kwalunkwe vettura oħra mmexxija b'forza mekkanika għall-ġarr ta' ħwejjeġ | 300 |

Verżjoni Elettronika



| | |
|---|---|
| Tilbes jew tagħmel użu minn apparat handsfree li jintlibes ġewwa jew fuq il-widna jew apparat simili fil-widna li hi l-eqreb għat-tieqa waqt li l-vettura tkun wieqfa fit-traffiku u, jew issuq vettura bil-mutur għall-kiri fil-kategoriji M1, M2 jew M3 u, jew issuq vettura bil-mutur fil-kategoriji N2 jew N3 jew kwalunkwe vettura oħra mmexxija b'forza mekkanika għall-ġarr ta' ħwejjeġ | 300 |
| Tilbes jew tagħmel użu minn apparat handsfree li jintlibes ġewwa jew fuq il-widna jew kwalunkwe apparat simili fiż-żewġwidnejn waqt li l-vettura tkun wieqfa fit-traffiku u, jew issuq kwalunkwe motor cycle u, jew kwalunkwe e-kickscooter għall-kiri | 300" |

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jiżdiedu l-multi li jinsabu fit-Tieni Skeda bħala deterrent u biex jiġu emendati t-tifsir kif neċessarju.

Verżjoni Elettronika



**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Traffic Regulation Ordinance Cap. 65.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

Short title.
Cap. 65.

**1.** The short title of this Act is the Traffic Regulation Ordinance (Amendment) Act, 2023 and this Act shall be read and construed as one with the Traffic Regulation Ordinance, hereinafter referred to as the "principal Act".

Amendment of article 2 of the principal Act.

**2.** Article 2 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) immediately after the definition "Authority" thereof there shall be added the following new definition:

"electric kick scooter" or "e-kickscooter" means a stand-up device that has a handlebar, a deck and small hard wheels powered by an electric motor and which also allows for human propulsion;";

(b) immediately after the definition "motor bus" thereof there shall be added the following new definition:

"the words "motor cycle" mean any two-wheeled vehicle, with or without a sidecar, fitted with an engine having a cylinder capacity of more than $50cm^3$ if of the internal combustion type and, or having a maximum design speed of more than 45km/h, and including a motor tricycle;"

(c) immediately after the definition "Member State" thereof there shall be added the following new definitions:

Verżjoni Elettronika



"the words "M1 motor vehicle" mean a vehicle used for the carriage of passengers and comprising no more than eight seats in addition to the driver's seat;

The words "M2 motor vehicle" mean a vehicle used for the carriage of passengers, comprising more than eight seats in addition to the driver's seat, and having a maximum mass not exceeding 5 tonnes;

the words "M3 motor vehicle" mean a vehicle used for the carriage of passengers, comprising more than eight seats in addition to the driver's seat, and having a maximum mass exceeding 5 tonnes;";

(d) in the definition "motor vehicle" thereof immediately following the words "mechanical power" there shall be added the words "and includes a motorcycle, an e-kickscooter and, or a moped";

(e) immediately after the definition "motor vehicle" thereof there shall be added the following new definitions:

"the words "motor vehicle for hire" mean a motor vehicle which is registered and licensed to be hired or leased from a vehicle hire services operator, and for the purpose of being driven by such hirer or lessee in accordance with the Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services Regulations; S.L. 65.33. S.L. 499.68.

the words "N1 motor vehicle" mean a vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass not exceeding 3.5 tonnes;

the words "N2 motor vehicle" mean a vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass exceeding 3.5 tonnes but not exceeding 12 tonnes;

the words "N3 motor vehicle" mean a vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass exceeding 12 tonnes;";

(f) in the definition "vehicle" thereof immediately after the word "omnibus" there shall be added the words "motor cycle, moped, e-kickscooter,".

Amendment of article 15J of the principal Act.

**3.** In article 15J of the principal Act the words "one hundred euro (€100)" shall be substituted by the words "two hundred euro (€200)".

Verżjoni Elettronika



Substitution of the Second Schedule of the principal Act.

**4.** The Second Schedule of the Act shall be substituted by the following new Schedule:

| "**First Column** **Offence** | **Second Column** **Fine (*ammenda*) €** |
|---|---|
| Contravening no-entry sign | 75 |
| Driving at an excessive speed: | |
| up to 15 kilometres per hour over the limit | 34.94 |
| over 15 kilometres per hour over the limit | 100 |
| Driving of motor vehicles carrying iron nets or rods which are not so secured as to prevent damage to the surface of the road | 200 |
| Excessive smoke from exhaust pipes | 46.59 |
| Failure to renew driving licence | 34.94 |
| Failure to renew vehicle licence | 69.88 |
| Licence not affixed to windscreen | 23.29 |
| Lights not in accordance with the provisions of the law | 23.29 |
| Non-effective silencer | 69.88 |
| Non-use of tailboard, overloading or spillage along the road of material being carried | not less than 250 but not more than 500 |
| Obstruction (including of slipways, piers and wharfs) | 104.82 |
| Hindering of the free flow of traffic in any road including all types of obstacles, such as obstructing a bus, the obstruction of a priority lane, of the safe entry and, or the exit of buses from stops (the creation of an unauthorized road or the closing of a lane, etc.) | 104.82 |
| Overloading of number of passengers exceeding the vehicle's registration certificate (for every extra passenger) | 50 |
| Parking or waiting or stopping at prohibited place | 23.29 |
| Parking outside a garage belonging to person other than the offender | 104.82 |

Verżjoni Elettronika



| | |
|---|---|
| Use of prohibited horn or warning device | 11.65 |
| Use of vehicles for a purpose other than licensed, including the use of private vehicles for hire or any other use | 200 |
| Driving in a lane for priority vehicles | 50 |
| Holding and, or making use of a hand-held mobile device or any other similar hand-held device, whilst stationary in traffic and, or driving any motor vehicle in categories M1, N1 and also including any motor cycle and, or any e-kickscooter | 200 |
| Wearing or making use of in-ear or over-ear hands-free device or similar device in the ear which is closest to the window whilst stationary in traffic and, or driving a motor vehicle in categories M1 or N1. | 200 |
| Wearing or making use of in-ear or over-ear hands-free device or similar device in both ears whilst stationary in traffic and, or driving any motorcycle and, or e-kickscooter | 200 |
| Holding and, or making use of a hand-held mobile device or any other similar device, whilst the vehicle is stationary in traffic and, or driving an M1, M2 or M3 motor vehicle for hire and, or driving an N2 or N3 category motor vehicle or any other mechanically propelled machinery for the carriage of goods; | 300 |

Verżjoni Elettronika



| | |
|---|---|
| Wearing or making use of an in-ear or over-ear hands-free device or any similar device in the ear which is closest to the window whilst the vehicle is stationary in traffic and, or driving an M1, M2 or M3 motor vehicle for hire and, or driving an N2 or N3 category motor vehicle or any other mechanically-propelled machinery for the carriage of goods; | 300 |
| Wearing or making use of an in-ear or over ear hands-free device or any similar device in both ears whilst stationary in traffic and, or driving any motorcycle and, or any e-kickscooter for hire: | 300" |

## Objects and Reasons

The objects and reasons of this Bill are to increase the fines found in the Second Schedule as a deterrent and to amend the definitions as required.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.54**